# "WARDA LI TGĦID ĠRAJJIETHA"

TA' DUN KARM

Waħda mill-isbaħ poeżiji li tâna Dun Karm hija l-"*Warda li tgħid ġrajjietha*". Hi tabilħakk warda għax donnok int u taqraha tħoss bħal ħaġa li tgħaxxqek u tgħaxxik, l-istess bħal meta tqiegħed warda ma' nifsejk, u tħoss il-fwieħa tagħha nieżla f'qalbek. Nistgħu lill-poeżija ta' Dun Karm inxebbhuha lill-warda fl-ewwel ftugħ ta' ħajjitha, warda imma li mhix bħal oħrajn, li għandha ħajja akbar, għax aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar tinfetaħ u tisbieħ, aktar tingħoġob u tinħabb bla ma titbiel qatt. Bħal warda l-poeżija ta' Dun Karm fiha lwien, ġmiel u ħlewwa. Ma nafx ward bħal dan fejn jista' jikber jekk mhux fil-ġnien ta' Dun Karm, ġnien li ebda malti għad ma kellu l-ħila li jħassel, ġnien li fih aħna nondru ward ta' kull lewn u tiżwiq, li jdomm f'bukkett wieħed il-qalba tal-Letteratura Maltija.

"F'*Warda li tgħid ġrajjietha,*" il-Poëta tagħna iqiegħed f'fomm il-warda l-ġrajja ta' ħajjitha kif twieldet, kif kibret u kif nħaqret. Nistħajjel min jgħid: imma warda m'għandhiex ilsien biex titkellem, m'ghandhiex għajnejn biex tara! Il-ħila tal-Poëta qiegħda filli jagħti l-ħajja lill-ħaga li ma tistax issamma' leħenha. Min dika l-warda ċkejkna ħamranija huwa joħloq, biex ngħid hekk, ruħ ta' ħaġa ħajja li taf il-ferħ kemm in-niket, li ġġarrab kemm il-hena kemm it-tbatija. Fil-ġrajja ta' dik il-warda jiena nilmaħ il-ġrajjiet li minnhom kuljum igħaddi l-bniedem: it-tgawdija ta' ċkunitu, il-ferħ u l-hemm ta' żgħo-żitu, in-niket ta' xjuħitu. Il-ġrajja ta' dina l-warda hi tixbiha sħiħa tal-ħajja tal-bniedem.

Il-benna li fiha dina l-poëżija ftit tinħass jekk, min jakra ma jgħaddix mil-magna ta' ħsibijietu kull-vers u kull-kelma li fiha. Tistagħġeb b'liema sengħa Dun Karm jaf iħad-dem l-Ilsien Malti: dak il-Malti safi u sabiħ, dawk il-versi li jdoqqu ma' kull sillaba u aċċent, dawk l-istrofi li jmewġu b'armonija ta' ħlewwa.

F'kull poëżija li qrajna minn ta' Dun Karm, aħna rajna kif huwa jgħaraf idaħħal figuri rettoriċi sabiex jagħti libsa ġdida u sabiħa għall-għanja ta' qalbu, F dina il-poëżija wkoll Dun Karm ma naqasx minn dawn il-figuri. Naraw biex ifisser il-*ħmura* tal-warda, xi jgħid :

Dik il-libsa li jilbes is-sema
Hi u tixref ix-xemx,

Biex jurina li d-dawl infirex ma' kullimkien il-Poëta tagħna jinqeda biss biż-żewġ kelmiet magħquda *"baħar-dawl"*. Mhux biss, imma, l'hawn u l'hemm, aħna niltaqgħu ma' metafori li minnhom se' nsemmu xi ftit:

(i) *X'ħuġġieġa ta' lwien!*

(ii) *Bid-djamanti tan-nida* fuq sidri.

(iii) Mietet fuqi mill-beraħ tat-tieqa
*L-aħħar bewsa tax-xemx* illi nibtet.

(iv) Għaddew jiġru s-sigħat ta' żgħużiti,
*U fil-milja ta' ħajti* fis ġiet.

Iżda' aħna niltaqgħu wkoll ma' xi ħjelijiet li huwa jxebbah ma' ħwejjeġ oħra, hekk:

(i) Meta xbejba, għajnejha żewġ kwiekeb,
Daħkit fommha bħad-daħka tal-ġnien.

(ii) Silġ li jbajjad fuk l-Etna xitwija
Kienu d-djul li satruha bil-qies.

(iii) Kif il-friefet tittajjar fil-ġonna
Qalb il-fjuri li tlellex u tfuħ,
Hekk jien rajt f'sala kbira jittajru
Katta żgħażagħ tal-ħajja fil-ftuħ.

Barra dan, il-poëta jaf ukoll iġib quddiem għajnejna kwadri sbieħ tassew bi kliem meqjus u li jidher li mhux imfittex jew imqanżaħ. Kull min igħaddas ħsibijietu fl-ilwien tal-fantasija li tfewwaħ bejn dawk l-istrofi, għandu jsib xeni ta' l-għaġeb li jixhdu is-sengħa kbira ta' l-imgħallem li sawwarhom. Nieħdu l-ewwel kwadru: Għodwa sabiħa ta' Mejju; kullimkien jidher ħieni u ferħan,.....id-dawl ġa nfirex fuq raba' u djar, u ġewwa l-ġonna, daħkana taħt il-firxa ta' ħidura li tħaddanhom, wieħed jisma' tgelgil t'ilma u għana ta' għasafar. Kwadru ieħor sabiħ daqsu, hu dak li jurina xbejba tmur fil-ġnejna biex taqta' il-warda. Aħna naraw tfajla b'għajnejn jibru u b'fomm imbissem, dieħla fi ġnien, tersaq lejn warda, taqtagħha. X'firda kiefra jaħasra! X'uġigħ ħasset f'qalbha dik il-warda bħalkieku kellha ruħ li tħoss u tibki, li u tinfena bil-għali għat-telfa ta' ommha l-għażiża. Kwadru ieħor sabiħ, u li jien l-isbaħ wieħed li nara, huwa dak li jeħodna ġewwa s-sala tal-ballu. Hemm ġew wieħed jilmaħ bħal milja ta' daħk tfewweġ fuq ħaddejn il-mistednin. Hemm ġew wieħed jilmaħ il-ferħ

u n-niket jitħalltu, u l-imħabba u l-mistħija jfewwġu fuq l-uċuħ ferħana ta' ħafna żgħażagħ, għajjiena iva, iżda le xebgħana. F'din ix-xena l-Poëta jħaddem ħafna l-id tas-sengħa u hekk jorqom ħjelijietu. Sala kbira, imdawla, mimlija mirja u kristalli;.... xebbiet u żgħażagħ mgħannqin f'rabta ta' mħabba jiżfnu u jitbandlu, waqt li mill-pjanu u l-vjolini togħla u tinfirex "mewġa ta' daqq imgħaġġel, qabbieżi, ferrieħ". Il-ħars ta' dawk iż-żgħażagħ żeffiena mhux kollu xorta: ta' min jiddi bl-imħabba; ta' min imċajpar għax mistħi, ta' min mitfi għax beżgħan.

Minn dawn il-kwadri naraw kemm huma varjati l-ilwien tal-fantasija tal-Poëta tagħna. Ta' Poëta kbir li hu, huwa jagħraf iwaħħadhom f'armonija ta' tiżwiq li torbothom flimkien, jagħtihom libsa waħda, u minnhom jislet għana li jsaħħrek u jgħaxxqek. Bħalma xbejba tagħraf iżżejjen libsitha b'xi ħarir u satin, u bħalma hija tagħraf iżżewwaq l-ilwien biex aktar tingħoġob, hekk Dun Karm għaraf iżejjen l-għanja tiegħu bi kliemu safi u ħelu, u jagħti lill-versi għamla ta' ġmiel biex idoqqu melsin fuq il-widna. Li kieku Dun Karm ma kellux il-ħila għal din is-sengħa, kieku l-poëżija ma kinetx tkun poëżija, imma biss proża bi kliem imqabbel. Il-versi kont kieku tħosshom joborxu fuq ilsienek bħal-lima maħkuka fuq ġebla żonqrija. Iżda Dun Karm hu mgħallem fil-poëżija maltija, u l-għana tiegħu tħossu jidħol f'qalbek u jgħaxxik. Dun Karm mhux biss jaħseb, mhux biss jaf iħaddem il-fantasija tiegħu, iżda jaf wkoll jagħti mixja ħelwa u ħafifa lill-versi tiegħu. Għax mhux biss li jkollok ħsieb sabiħ, trid tkun taf ukoll kif tfasslu biex issawwar poëżija li tingħoġob. Hemm bżonn li l-versi jkunu jixbhu lil-żagħżugħ fuq ruħu u b'saħħtu li jiġri u qatt ma jgħeja, u mhux lil mara xiħa għakka, twerrrek qajl qajl li taqlagħlek qiegħ qalbek.

*(Tissokta)*

Ġużi Chetcuti